MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru 1198/2013

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

Thomas Spagnol

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta tal-identita' 349174M akkuzat talli nhar it-30 ta' Novembru 2013, ghal habta tat-tlieta ta' filghodu (03.00hrs) u hinijiet qabel, minn gewwa Bieb C, Flat 8, Telghet Rahal Gdid, Rahal Gdid:

1. ikkommetta serq li jikkonsisti f'oggetti tad-deheb u flus kontanti liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-hin, mezz u valur li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha wghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq sar ghad-dannu ta' Jeanette Abela minn Rahal Gdid;

2. aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara go l-imsemmi flat ghad-dannu ta' Jeanette Abela u/ jew persuni ohra liema valur tal-hsara jeccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);
3. talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Jeanette Abela u kkagunala feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat DR. RM. Spiteri M.D. mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;
4. talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' ta' haddiehor;
5. talli ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

B'hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tal artikoli tal-ligi minnu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghat lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni;

Semghat ix-xhieda imressqa mill-prosekuzjoni;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Mix –xhieda li semghat l-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-imputat huwa hati tat-tieni, it-tielet, l-hames u s-sitt akkuzi. Fir-rigward l-akkuzi l-ohra , m'hemmx provi li jwasslu ghall-konvicju fil-konfront tagghom.

Issib ghalhekk l-imputat hati tal-akkuzi fuq indikati u tilliberah mill-bqija.

Rat l-Artikolu 325 (a), 221, 338 (dd) 17, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tiddeciedi wara li kkunsidrat dak kollu li kellha tikkonsidra skond ma rrizulta mill-atti li li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446. Altrimenti ma tarax il-bzonn li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 412 (c) tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-reposabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------